MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Numru 9/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Salvu Farrugia

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 9 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Salvu Farrugia, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar il-Hamis, sittax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn, Salvu Farrugia, ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu, hareg mid-dar tieghu b'senter tal-marka Breda Superlightweight, bin-numru tas-serje 569487, ikkargat flimkien ma' barzakka, u rehiela ghall-kacca. Izda qabel, kif kienet talbitu martu, kellu jmur f'xi raba fil-vicinanzi ta' daru f'Birzebbugia sabiex igibilha xi patata. Dwar din ir-raba jidher li kien hemm ghal**

**zmien twil, u kien ghad hemm fil-jum in kwistjoni, dizgwid bejnu u bejn certu Godfrey Schembri.**

**Difatti, hekk kif Salvu Farrugia kien mar jigbor il-patata w kien dlonk lesta, huwa lemah lill-imsemmi Godfrey Schembri tiela bil-karozza tieghu, Hyundai numru KAO-151. Godfrey Schembri inzerta dak il-hin li kien qieghed isuq bil-mod fuq in-naha ta' fejn kien Salvu Farrugia. Godfrey Schembri kien wahdu, bhal ma kien wahdu Salvu Farrugia, u fl-inhawi, anke peress li kien ghadu kmieni, ma kien jidher hadd. Salvu Farrugia kien ilu jistenna l-mument li joqtol lil Godfrey Schembri u issa sab l-ahjar opportunita' ghal dan il-hsieb hazin tieghu.**

**Kif Salvu Farrugia gab lil Godfrey Schembri fl-ahjar mira tieghu, qabad is-senter li kellu f'idejh u mmira. L-ewwel tir, skartocc tan-numru erba kulur abjad, immirah u sparah lejn il-windscreen tal-karozza ta' Godfrey Schembri, mentri t-tieni tir, skartocc tan-numru sitta u kulur iswed, immirah u sparah minn gewwa t-tieqa tan-naha tax-xufier fejn kien Godfrey Schembri stess.**

**B'dan l-ahhar tir, Godfrey Schembri intlaqat b'mod serju f'wiccu, f'ghonqu u f'idejh. Pero' dan l-incident ma waqafx hawn. Ghalkemm Godfrey Schembri issa kien prattikament ferut ghall-mewt, huwa rnexxielu jkompli jsuq l-fuq ghal distanza ta' madwar tlett mitt pied fejn imbaghad gie kostrett jieqaf. Kif ra hekk, Salvu Farrugia rega' mar jigri ghalih sabiex ikompli jisparalu ghall-mewt, pero' Godfrey Schembri lemhu gej ghalih u sab is-sahha w forza jsuq bil-qawwa minn fuq il-post.**

**Minn hemm Godfrey Schembri sussegwentement kellu jigi rikoverat l-Isptar fejn wara interventi kirurgici gie mdewwi ghall-griehi gravi li kellu w hajtu giet fortunatament salvata, ghalkemm xorta wahda baqghulu difetti permanenti f'partijiet essenzjali ta' gismu.**

**Minn hemm ukoll, Salvu Farrugia mar id-dar fejn wara li rega' kkarga s-senter tieghu b'zewgt iskratac ohra, rega' hareg mid-dar u mar ifittex lil Godfrey Schembri sabiex itemm il-hsieb tieghu li joqtlu darba ghal dejjem.  Pero' fortunatament, bl-interventi mill-ewwel tal-Pulizija, huwa gie sfrattat milli jkompli bil-hsieb u intenzzjonijiet nefarji tieghu.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Salvu Farrugia sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Salvu Farrugia hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kap precedenti, dejjem minhabba li Salvu Farrugia volontarjament u dolozament spara z-zewg skratacc li kellu fl-arma tan-nar tieghu, diversi comb minn dawn it-tiri laqtghu l-vettura li fiha kien hemm riekeb Godfrey Schembri, u cioe' vettura KAO-151 tal-marka Hyundai. Bhala konsegwenza, din il-vettura, propjeta' ta' Godfrey Schembri, garbet hafna hsara, fosthom tkissir tal-hgieg tal-windscreen, illi sabiex titranga l-ispejjez jitilghu ghal

aktar minn hamsin lira Maltin, ghalkemm inqas minn hames mitt lira Maltin.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Salvu Farrugia sar hati ta' d-delitt ta' hsara volontarja.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Salvu Farrugia hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa' sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 17(c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi imsemmija fil-kapi precedenti, dejjem minhabba li Salvu Farrugia volontarjament u dolozament spara z-zewg skratacc li kellu fl-arma tan-nar tieghu fid-direzzjoni ta' Godfrey Schembri kif imsemmi fil-kap immedjatament ta' qabel dan, huwa kien qieghed ukoll fl-istess hin jipperikola l-inkolumita' ta' persuni ohra li dak il-hin setghu inzertaw ghaddejjin minn hemm, kif ukoll karozzi ohra li wkoll dak il-hin setghu inzertaw ghaddejjin minn hemm. Ukoll, fil-post fejn huwa spara z-zewg tiri kien post accessibbli ghall-pubbliku b'diversi toroq pubblici li jaghtu go xulxin. Naturalment huwa lanqas ma kellu xi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmel dak li ghamel.

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Salvu Farrugia sar hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Salvu Farrugia hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn ghoxrin lira Maltija w mhux izjed minn mitejn lira, jew ghal dik il-prigunerija w multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali u tal-akkuzat tal-lum stess li bih iddikjaraw li qablu w talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun dik ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sitt snin apparti l-piena pekunjarja ta' multa ta' mitt lira (LM100) u l-konfiska tal-arma esebita kif stabilit fil-ligijiet rispettivi applikabbli ghall-kaz.

Rat ukoll li l-partijiet iddikjaraw li waslu ghall-piena fuq imsemmija in vista tar-relazzjoni prezenti bejn l-akkuzat u l-vittma tad-delitti w fid-dawl tal-istess dikjarazzjoni tal-vittma li tghid testwalment hekk :-

"Li hu lahaq ftehim …… dwar id-danni pretizi minnu rizultanti w sussegwenti ghall-incident li sehh fis-16 ta' Mejju, 2002.
Jiddikjara li hu gie riparat civilment ghal kull pretensjoni li kellu.
Jiddikjara li huwa jahfer lil Salvu Farrugia ghal dak li ghamillu w jibqa' sorpriz b'dak li hu ghamel ghaliex qatt ma kellhom argumenti bejnithom fil-passat u jafu bhala bniedem kwiet u ta' l-affari tieghu.
Jiddikjara finalment li qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali sa fejn dan hu rinunzjabbli".

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reat hemm dedott kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati ;**

**Tiddikjara lil Salvu Farrugia, hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli fis-16 ta' Mejju, 2002, ghall-habta tal-5.30 a.m. go Birzebbugia, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Godfrey Schembri jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Salvu Farrugia hati talli fl-istess jum, hin u post volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Salvu Farrugia hati talli fl-istess jum, hin u post minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;**

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati li tirrizulta pratikament netta ghajr ghall-kontravenzjoni wahda tat-traffiku.

Rat ukoll li mit-taghrif li hadet il-Qorti, il-vittma ser tigi kompensata fl-ammont ta' LM22,500 oltre l-ispejjez kollha tal-kawza civili w li l-hati anki biegh parti mill-propjeta' tieghu biex ikun jista jaghmel dan il-hlas.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni ddikjarat li hemm il-konkors formali jew ideali bejn ir-reati taht l-ewwel u t-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza w ghalhekk ghandha tinghata biss il-piena ghar-reat l-aktar gravi minn dawn iz-zewg reati w cioe' r-reat taht l-ewwel kap.

Peress li din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet mitlubin huma tali li hu legittimu illi hi timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati ammessi mill-akkuzat u ghalhekk m'ghandhiex ghaliex tordna li jitkompla isir il-guri tal-kaz u, wara li spjegat lill-akkuzat bi kliem car x'inhuma l-konsegwenzi ghat-talba tieghu, qed taghti din is-sentenza fuq it-talba tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 453A tal-Kap. 9.

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 22, 23, 41(1)(a), 211, 325(a), 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, u 22(2) u 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap. 33, tikkundanna lill-hati Salvu Farrugia, ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv u ghall-multa ta' mitt lira Maltija (LM 100) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum, tigi konvertita f'ghoxrin (20) jum prigunerija kif ukoll is-somma ta' hames mija w seba' w erbghin liri Maltin u hamsa w sebghin centezmi (LM547.75) spejjez peritali inkorsi tul dan il-process u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w li jinsabu esebiti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------